

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 393/2011

tad-19 ta' April 2011

**li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzi tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mill-1 sas-7 ta' April 2011 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissoppendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzi**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieg agrikoli u dwar dispożizzjonijiet spċifici għal ċerti prodotti agrikoli ("ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS")<sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffe fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni<sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jamministra ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor<sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kwantitatijiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal-liċenzi tal-importazzjoni mressqa lill-awtoritajiet kompetenti mill-1 sas-7 ta' April 2011 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009, jaqbżu l-kwantità disponibbli skont is-serje li ggħid in-numru 09.4380.

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi ffissat koeffiċjent tal-allokkazzjoni għal-liċenzi li għandhom jinħarġu firrigward tas-serje li ggħid in-numru 09.4380 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzi għal dak in-numru tas-serje għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

### Artikolu 1

1. Il-kwantitatijiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzi tal-importazzjoni mill-1 sas-7 ta' April 2011 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 għandhom jiġu m'multiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzi, li jikkorrispondu man-numri tas-serje mogħiġa fl-Anness, għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq 2010/11.

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi dakinar li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' April 2011.

*Għall-Kummissjoni,  
f'isem il-President,*

*José Manuel SILVA RODRÍGUEZ  
Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

## ANNESS

**“Il-konċessjonijiet taz-zokkor tal-iskeda bin-numru CXL”****Is-sena tas-suq 2010/2011****Applikazzjonijiet li tressqu mill-1.4.2011 sas-7.4.2011**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4317	L-Australja	—	Sospiżi
09.4318	Il-Brażil	—	Sospiżi
09.4319	Kuba	—	
09.4320	Kwalunkwe pajjiż terz	—	Sospiżi
09.4321	L-Indja	—	Sospiżi

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

**“Iz-zokkor mill-Balkani”****Is-sena tas-suq 2010/2011****Applikazzjonijiet li tressqu mill-1.4.2011 sas-7.4.2011**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4324	L-Albanija	—	
09.4325	Il-Bożnija u Herzegovina	( <sup>l</sup> )	
09.4326	Is-Serbia	( <sup>l</sup> )	
09.4327	L-eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	—	
09.4328	Il-Kroazja	( <sup>l</sup> )	

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(<sup>l</sup>) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżu il-kwantitatiet disponibbli u qed jingħataw kollha.**“Iz-zokkor għall-importazzjoni eċċezzjonali u dak għall-importazzjoni industrijali”****Is-sena tas-suq 2010/2011****Applikazzjonijiet li tressqu mill-1.4.2011 sas-7.4.2011**

In-numru tas-serje	It-tip	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f perċentwal)	Iktar applikazzjonijiet
09.4380	Eċċezzjonali	1,8053	Sospiżi
09.4390	Industrijali	( <sup>l</sup> )	

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

(<sup>l</sup>) Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbżu il-kwantitatiet disponibbli u qed jingħataw kollha.